NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Ottubru - Settembru 2004* *Nru 140*



## MESSAĠĠ TA' L-ARĊIPRIET MONS. ĠUŻEPPI FARRUGIA

Qegħdin f'Ottubru, ix-xahar li bih nibdew dik li nsejħulha is-"sena pastorali" tal-Parroċċa. Fix-xhur tas-sajf ħafna minna rnexxielhom jgħaddu xi żmien ta' mistrieħ, min f'xi dar tal-villeġġjatura, min f'safar, il-biċċa l-kbira f'darna ta' kuljum. Jiena rnexxieli nsib erbat jiem, li wħud minnhom għaddejthom f'ħarġa ma' xi tfal u żgħażagħ tal-Parroċċa f'Ruma, li fihom qtajt daqsxejn mill-ħidma sfrenata tal-Parroċċa tagħna. Il-ħidma f'Parroċċa bħalma hi din tagħna trid tibqa' sostanzjalment għaddejja. Imma issa ninsabu fil-bidu ta' "sena ġdida" u nittama li bil-kollaborazzjoni ta' xulxin u bl-għajnuna ta' Alla, ninxteħtu għax-xogħol b'entużjażmu ġdid.

### Ħidma u Tħejjija fix-Xhur tas-Sajf

Kif diġa għidt, fix-xhur tas-sajf il-Parroċċa tagħna ma hedietx tagħti s-servizzi kollha sagramentali u pastoralment essenzjali li hi tant magħrufa għalihom. F'dawn ix-xhur il-popolazzjoni li tiffrekwenta l-bażilika ssir aktar varjata, b'bosta viżitaturi minn Malta, gruppi parrokkjali u turisti li jżuruna.

Barra minn dan ix-xogħol fuq l-opra taċ-Ċentru Parrokkjali, il-bini tal-Kappella tas-Sagrament u l-attrezzament ta' l-Uffiċċji ta' l-Amministrazzjoni tkompla. Saru diversi attivitajiet speċjali, fosthom ħarġa edukattiva għall-abbatini u l-Grupp tal-Vokazzjonijiet fl-Italja, kif ukoll għall-kategoriji taż-żgħażagħ u għall-anzjani. Iż-żgħażagħ għenu ħafna fir-Radju tal-Parroċċa 'Leħen il-Belt Victoria' li ma' qatt qatt mix-xandir tiegħu. U saru bosta ħidmiet kulturali bl-inizjattiva tal-Kor 'Laudate Pueri' u oħrajn.

Imma sar ukoll xogħol ta' ippjanar pastorali għas-sena pastorali l-ġdida, dejjem fl-isfond tal-Pjan Pastorali Djoċesan u x-xewqat tal-Papa bħalma hija s-Sena Ewkaristika li qed tibda fis-17 ta' Ottubru. F'dan l-ippjanar kellna l-kollaborazzjoni ta' diversi saċerdoti u lajċi li huma tabilħaqq ddedikati għall-ħidma pastorali.

### Minn Ottubru sa Frar

Fit-tliet – erba' xhur li ġejjin se nipprovaw inwettqu diversi inizjattivi pastorali u liturġiċi li jirnexxu biss bil-kollaborazzjoni ta' xulxin.

Dawn ix-xhur nistgħu naqsmuhom fi tliet żminijiet identifikabbli: *iż-żmien tal-bidu* mill-1 ta' Ottubru sa nofs Novembru meta niċċelebraw il-Ġimgħa tal-Parroċċa, *iż-żmien tat-tisħiħ* li jwassalna sa tmiem l-Avvent, u *ż-żmien tal-maturazzjoni* li jinkludi ż-żmien tal-Milied sal-bidu tar-Randan li s-sena d-dieħla se jiġi kmieni, kważi fil-bidu ta' Frar.

F'dawn it-tliet żminijiet irridu nindirizzaw, kemm pastoralment kif ukoll liturġikament, il-kategoriji kollha tal-komunita' parrokkjali, tfal, studenti, koppji għarajjes jew miżżewġin, anzjani, morda... Dwar l-inizjattivi li se jittieħdu, uħud diġa' familjari għalina u oħrajn ġodda, nibqgħu nżommu kuntatt permezz tal-Bullettin.

### Formazzjoni tal-Lajċi

Irrid nisħaq fuq l-importanza tal-lajċi fil-Parroċċa, dawk li dari kienu jissejħu "is-sekulari".

Lilkom il-lajċi li tifformaw il-maġġoranza l-kbira tal-komunita' tagħna, ngħidilkom u ntennilkom: *Il-Parroċċa ta' San Ġorġ għandha bżonnkom.* Mingħajrkom aħna s-saċerdoti m'aħna xejn. Imma bħalma sabiex sirna dak li sirna (saċerdoti) u nagħmlu dak li nagħmlu (ħidma id f'id ma' Ġesù), aħna s-saċerdoti kellna bżonn ta' ċerta formazzjoni (tagħlim), hekk ukoll into mil-lajċi (kelma li tfisser "membri tal-poplu" t'Alla), għandkom bżonn tal-formazzjoni. Din il-formazzjoni tistgħu teħduha billi ssiru membri ta' xi għaqda Kattolika, jew billi tilqgħu l-istediniet li jsirulkom għat-tagħlim, jew bil-qari u d-diskussjoni.

Il-punt hu dan: Għaddha ż-żmien li intom il-lajċi mill-Knisja tirċievu biss (il-grazzja) bla ma tagħtu, bla ma ssiru strumenti ta' grazzja għal xulxin. Il-Knisja Kattolika għandha bżonn l-inizjattivi, id-dedikazzjoni u s-sagrifiċċju tagħkom. Ejjew niltaqgħu fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ejjew nitkellmu ma' xulxin . Ejjew nisimgħu lil xulxin. Ejjew nitolbu flimkien, nistudjaw il-Kelma t'Alla flimkien, infittxu biex niskopru xi jrid minna Alla flimkien. Ejjew, aħna s-saċerdoti u l-lajċi li naħdmu flimkien, niżdiedu fl-għadd, nimpenjaw ruħna aktar għall-ġid tal-Knisja, nitħeġġu fl-imħabba għal Ġesù u naħdmu miegħu.

Ġesù għandu bżonn kull wieħed, kull waħda minna.

FESTI CENTINARJI 2003


# IL-BELT VICTORIA

*Rivista ta' kull Xahrejn*





*Uffiċċju Editorjali:* **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM


## Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali

18.07.04: MARIJA, bint Robert Vella u Josephine neè Farrugia
01.08.04: GLENN, iben Brain Attard u Diane neè Calleja
17.08.04: MATTHEW, iben Michael Cini u Simone neè Cassar
29.08.04: ZOE, bint Dennis Grech u Josette neè Muscat
17.09.04: CLARICE, bint Aldo Zammit u Michelle neè Caruana

## Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ

27.06.04: Daneil Cordina u Alessandra Tabone
10.07.04: Jason Buttigieg u Carmen Parnis
24.07.04: Pierre Bugeja u Karen Galea
03.09.04: Sylvio Tabone u Nicoline Sagona
04.09.04: Joseph Attard u Jolyne Cremona
10.09.04: Tonio Schembri u Clarissa Cutajar
11.09.04: Daneil Bugeja u Anabelle Vella

## Marru Jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat

13.07.04: Ġorġ Dolindo Farrugia
13.07.04: Rita Attard
11.08.04: Pawlu Vella
15.08.04: John Vella
16.08.04: Anton Attard
24.08.04: Emmanuel Tabone
04.09.04: Ġużeppi Micallef
07.09.04: Paul Caruana

## Donazzjonijiet

Emidia Saliba: 20 Aust $
Frank u Aileen (Aust): Lm5
Frank Said: 100 Aust. $


**Isma' Leħen il-Parroċċa fuq Radju**
**LEĦEN IL-BELT VICTORIA**
**104 FM Stereo**


# Editorjal

## GĦAMILNA FESTA BI-UNURI!

Il-festi iċċelebrati bejn it-22 ta' Ġunju u t-18 ta' Lulju 2004 f'ġieh San Ġorġ Martri kienu festi li agħmlu unur lill-Parroċċa tagħna u lis-Soċjeta Filarmonika La Stella li tieħu ħsieb il-festi esterni.

M'hemmx dubju li dak kollu li sar fil-parroċċa tagħna kien ta' sodisfazzjoni għal kulħadd. Mhux possibbli li ssemmi kollox, imma żgur li ma tistax ma ssemmix il-Victoria Arts Festival, l-attivitajiet pastorali, reliġjużi u ekumeniċi li saru, il-mużika eċċellenti li tindaqq fil-Bażilika u mitt ħaġa oħra li kollha rnexxew bit-tħabbrik ta' bosta u bosta voluntieri li taw sehemhom f'kull ħin.

Iżda din is-sena kienet sena ta' festa speċjali għax mhux biss temmejna it-tifkira straordinarja tas-Sbatax-il Ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ, imma għax qed inħallu monument mill-isbaħ li għal dejjem ser jibqa' jfakkar din il-ġrajja: il-Bieb tal-Bronż. Kienet ħolma, imma bil-għajnuna ta' bosta u bosta benefatturi, li minn dawn il-kolonni nirringrazzjaw, saret realta' li kompliet iżżejjen il-Bażilika Ġorġjana.

Pero' jekk il-Parroċċa tagħna ħarġet bl-unuri għal dak kollu li organiżżat, l-istess jista' jingħad għas-Soċjeta' Filarmonika La Stella. Bit-tħabbrik ta' din is-soċjeta' u l-impenn kontinwu tal-membri tagħha, sar dak kollu possibbli biex il-festa tagħna tkun dik ta' eżempju għall-festi oħra. Ma tistax ma ssemmix l-armar li bih jiżżejnu it-triqat ta' beltna u ta' dan nroddu ħajr lil dak il-grupp li ma jaqta' qalbu minn xejn. Pero' ta' min isemmi wkoll li bit-tħabbrik tal-Kumitat tal-Banda La Stella, barra s-servizzi numerużi li hija tagħti fil-festa, tatna wkoll is-servizzi ta' għaxar baned oħra, tlieta minn Malta u sebgħa minn Għawdex.

Żgur li mal-festa ma jieqafx kollox. Tkompli l-ħidma f'kull qasam, kemm fil-parroċċa kif ukoll fi ħdan is-Soċjeta La Stella. Aħna konvinti li kull Ġorġjan ser jibqa' jagħti s-sehem tiegħu. Dan huwa meħtieġ u għalhekk huwa importanti li nieħdu sehem attiv f'dak kollu li torganiżża l-parroċċa tagħna minn żmien għal żmien. Ix-xitwa li ġejja żgur li mhux ser tmewwet l-impenn ta' kulħadd biex kull ħidma tibqa' għaddejja.

## NIFIRĦU

lil **DUN MANWEL CURMI**, saċerdot mill-aktar għeżież tagħna u eżempju ta' dedikazzjoni pastorali għalina lkoll, tal-ħatra Pontifiċja li ngħata, li ġġib magħha t-titlu ta' Monsinjur.

lil **PAULINE GRECH**, membru tal-Kunsill Parrokkjali tagħna, li ġiet maħtura Assistenta Superjura Ġenerali tal-MUSEUM tal-Bniet.

lil **MARIA ATTARD** li ntgħażlet Superjura tal-qasam tal-MUSEUM tar-Rabat (Triq Palma) u nroddu ħajr lis-Superjura ta' qabel **ANGELA BORG** għas-servizz li tat.

lil **MARIELLA CASSAR**, ukoll mil-Parroċċa tagħna, li ngħatat il-Premju "Palma tad-Deheb" mill-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz għall-kontribut tagħha fil-qasam mużikali.

lil **YLENIA CARUANA**, mill-paroċċa tagħna, li ntgħażlet mal-finalisti tal-*Junior Eurovision Song Contest* ta' Malta.

# L-Għoxrin Pellegrinaġġ Parrokkjali għal Lourdes



Il-Grupp immexxi min Mons. Salv Borg li mar Lourdes din is-sena

Din is-sena l-Parroċċa tagħna organiżżat l-20 Pellegrinaġġ Parrokkjali għall-Belt Marjana ta' Lourdes. Dawn il-pellegrinaġġi ilhom isiru għal dawn l-aħħar 16-il sena. B'kollox 1120 pellegrin żaru Lourdes permezz ta' dawn il-pellegrinaġġi organiżżati mill-Parroċċa tagħna.

Din is-sena l-Pellegrinaġġ sar bejn it-23 u d-29 ta' Lulju. Bħalma għamilna dejjem, anke din is-sena, irnexxielna naqsmu l-Pellegrinaġġ f'żewġ skopijiet: l-ewwel skop huwa dak li l-pellegrini jiġu mogħtija kull ħin u kull għajnuna sabiex jieħdu sehem fl-attivitajiet kollha li jiġu organiżżati madwar is-Santwarju tal-Madonna.

Fil-fatt kellna qudiesa fil-Kappella ta. San Gabriel, fil-Bażilika ta' San Pju X, waqt il-Quddiesa Internazzjonali, fil-Knisja ta' San Patrizju, fil-Grotta u fil-Kappella ta' l-Isptar tal-Madonna tad-Duluri. Għamilna l-Via Sagra u kellna ċ-ċans kollu li għal ħafna drabi nidħlu fil-Grotta. Żorna u tlabna wkoll fil-Knisja Parrokkjali tar-raħal ċkejken ta' Bartres, kif ukoll fil-Kappella "Bergerie" ġo Cite' St. Pierre.

Ħadna sehem ta' kull fil-għaxija fil-purċissjoni aux flambeaux, fejn ingħaqadna ma' eluf u eluf ta' pellegrini ġejjin mid-dinja kollha. Rajna wkoll il-Purċissjoni bis-Sagrament li ssir kuljum wara nofs in-nhar u li tintemm bit-tberik tal-morda fil-Bażilika San Piju X.

Kien hemm ukoll nofs ta' nhar iddedikat għall-Banjijiet (pixxina), kif ukoll irnexxielna naraw il-Moulin Boly fejn twieldet Bernardette, il-Mużew tagħha, kif ukoll il-Cachot, fejn Bernardette għexet għal xi snin u b'mod speċjali fiż-żmien tad-dehriet. Rajna wkoll dokumentarju dwar id-dehriet, filwaqt li żorna ukoll it-tliet knejjes mibnija fuq xulxin.

It-tieni skop kien li l-Pellegrini jkollhom ċans li jżuru postijiet mill-isbaħ madwar Lourdes. Kellna eskursjonijiet għal-Lake ta' Lourdes, għal Pont d'Erspagne kif ukoll il-Col d'Aspin, Luchon u Valdaran fi Spanja. Kien hemm ukoll ħin biżżejjed għax-*shopping*.

Il-ħamest ijiem għaddew qishom ħolma. Sbieħ il-Ġimgħa, 29 ta' Lulju qbadna mill-ġdid l-ajruplan ta' l-Air Malta, u għajjenin, iżda kuntenti, tirna lejn Malta. L-esperjenza li kull pellegrin ġarrab ġewwa Lourdes tibqa' stampata jgerbu kemm igerbu snin minn fuqu.

## Fr. Peter Paul Cachia o.s.a. – Ħamsa u Għoxrin Sena Saċerdot



*Qabel ma sawwartek fil-ġuf, għaraftek; qabel ma ħriġt minn ħdan ommok, ikkonsagrajtek. (Ġer.1.5)*

Meta nħares lura lejn il-25 sena minn mindu Alla l-Missier sejjaħli fil-għaqda tas-saċerdot ta' Ibnu Ġesu' Kristu, u għas-servizz tal-Knisja mingħajr ebda mertu tiegħl, ma hemmx ħaġ' oħra hlief li nissellef il-kliem ta' Marija biex ngħid: "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-Ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi. Għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar." Ħwejjeġ kbar: ***il-ħajja, l-imħabba, il-kuraġġ***.., fejn għaddrjt 19-il sena fil-missjoni ta' l-Alġerija, ġewwa l-Afrika, u 6 snin f'Sao Paolo, fil-Brazil.

Nixtieq nagħti xhieda li va la pena tkun saċerdot u iżjed w iżjed saċerdot fil-ħajja Reliġjuża Agostinjana Missjunarja. Alla huwa ħafna esiġenti ma' min jaċċetta dan il-kompromess, cioe' li tħalli kollox, sahansitra lill-għeżież tiegħek biex taħdem fil-għaqa tal-Mulej u tkun proxxmu ma' min ikun fil-bżonn. Imma min jgħix din il-vokazzjoni bil-fedelta' u bil-ferħ, barra li jagħmel ħafna frott, jirċievi wkoll minn Alla, permezz tal-fqar u ta' dawk li jsofru, rikompens kbir Interjuri u Spiritwali.

Għahekk, f'din l-okkażjoni nixtieq inġedded il-Wegħda Saċerdotali biex il-Mulej, bl-interċessjoni ta' Ommna marija, ta' Santu Wistin u tal-Patrun tagħna San Ġorġ, ighinni nkompli ngħix b"edikazzjoni, b'fedelta"u bil-ferħ, il-vokazzjoni saċerdotali Missjunarja Agostinjana u jalla l-ħajja tiegħi tkompli tagħti xhieda ta' l-imħabba kbira ta' Alla lil kulħadd.

Nitlobkom biex titolbu għall-Missjunarji kollha.

# BIEB TAL-BRONŻ LI JFAKKAR IL-ĠUBLEW IL-KBIR TAL-MULEJ U S-SBATAX-IL ĊENTINARJU TA' SAN ĠORĠ



①

Temmejna żmien ta' ċelebrazzjonijiet straordinarji li bla dubju se jibqgħu maħżuna fil-memorja tagħna li kellna l-grazzja nipparteċipaw fihom. Iżda m'hux biżżejjed li dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ta' l-Elfejn Sena mill-Inkarnazzjoni tal-Mulej u tas-Sbatax-il Ċentinarju tal-martri tiegħu San Ġorġ jibqgħu ħajjin biss fl-imgħoddi miftakar tagħna bħala individwi. U lanqas hu biżżejjed li t-tifkira tagħhom tkun biss ta' natura purament spiritwali. Għalhekk ħsibna li din it-tifkira nohorġuha u nartikolawha fl-arti figurattiva, dik tipika u denja tal-ġrajjiet qaddisa, li bl-akbar koerenza possibbli ċċelebrajna.

F'dan il-kuntest nixtieq li ma ninsewx li l-akbar importanza, f'dak kollu li għamilna, qegħdniha f'dak li hu liturġiku, keteketiku u karitatevoli. Tajna importanza wkoll lill-kultura. Imma anke dan għamilnih b'għan pastorali, fi prospettiva ekumenika u bil-ħsieb tiġi ffavorita l-maturita' Nisranija.

### TIFKIRA FIL-BRONŻ SAGRU

Il-bronż, fih innifsu, m'hux qaddis, imma jitqaddes meta jinħadem f'opra li tillustra ġrajjiet ta' qdusija. Il-bieb tal-bronż huwa opra li tirrappreżenta, fl-ogħla espressjoni artistika u fil-materja l-aktar xierqa, il-ġrajja tas-salvazzjoni tagħna. L-awtur ta' din il-ġrajja huwa Ġesu' Kristu, u l-frott tagħha jidher fil-Knisja, frott li hu eminentement illustrat fil-misteri ta' l-Imqaddsa Verġni Marija, missierna fil-Fidi li hu



②



③

l-Appostlu Pawlu, u l-Kbir Martri San Ġorġ li hu l-Patrun li l-antenati tagħna laqgħu b'imħabba sa mill-bidu ta' l-era Nisranija fi gżiritna.

Hija din il-ġrajja qaddisa ta' salvazzjoni-il-*mysterium salutis*- li ċċelebrajna fis-snin li għaddew, b'għajnejna mitfugħin fuq Ġesu' Kristu- il-*porta salutis*- il-bieb tas-salvazzjoni tagħna lkoll. Hija din il-ġrajja li ridna nfakkru.

**ĊELEBRAZZJONI TA' ARTI GĦAWDXIJA**

Kienu ħafna dawk li raw d-disinni u l-mudelli tal-bieb kief inħaseb, kif ġie ddisinjat, u kif kien qed jinħadem. Lil dawk li stedint personalment jew talbuni biex jarawhom, fissirtilhom it-tematika teoloġika, magħhom iddiskutejt l-istil li kellu jintagħżel u fuq ħafna mill-pariri tagħhom jiena u l-kollaboraturi tiegħi tkellimna ma' esperti fl-oqsma rilevanti u ma' l-artist innifsu.

L-artist, **John Grima** li, għalkemm relattivament żagħżugħ, huwa wieħed mill-artisti l-aktar magħrufa ta' pajjiżna. L-artist sema' x'ridna u fettex hu innifsu biex jara x'kienet ix-xewqa tal-ħafna, ħaddem l-intelliġenza li biha għanih Alla, iffoka l-Fidi Kattolika li għandu x-xorti li trawwem fiha u jipprattika, medd idejh għax-xogħol b'assidwita' u perseveranza, ħares fih innifsu l-umilta' tipika ta' min verament għandu l-srti fih, iddiskuta l-ideat li kellu bla preġudizzju u b'disponibilita' li jisma', kellu 5min jitlob għalih u ħareġ b'opra qaddisa li żewġet ma' xulxin il-kontemporanjeta' sagra u l-eternita' divina.

Il-bieb tal-bronż ġie nawgurat u mbierek mill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan, waqt Velja ta' Talb u Radd-il Ħajr li saret fi Pjazza San Ġorġ nhar it-Tlieta 13 ta' Lulju 2004. Ħadu sehem ukoll il-Kapitlu tal-Kolleġġjata Ġorġjana, il-Banda Ċittadina "La Stella" u l-Kor "Laudate Pueri".

---

*1.Pjazza San Ġorġ waqt iċ-ċerimonja ta' l-inawgurazzjoni tal-bieb tal-bronż.*
*2.Il-bieb tal-bronż qed jitniżżel fi Pjazza San Ġorġ qabel beda jitpoġġa f'postu*
*3.Mons Isqof Nikol Cauchi ibierek il-*



# GĦAMILNA FESTA BL-UNURI!

Il-festi iċċelebrati bejn it-22 ta' Ġunju u t-18 ta' Lulju 2004 f'ġieħ San Ġorġ Martri kienu festi li agħmlu unur lill-Parroċċa tagħna u lis-Soċjeta Filarmonika La Stella li tieħu ħsieb il-festi esterni.
M'hemmx dubju li dak kollu li sar fil-parroċċa tagħna kien ta' sodisfazzjoni għal kulhadd. Mhux possibbli li ssemmi kollox, imma żgur li ma tistax ma ssemmix il-Victoria Arts Festival, l-attivitajiet pastorali, reliġjużi u ekumeniċi li saru, il-mużika eċċellenti li tindaqq fil-Bażilika u mitt ħaġa oħra li kollha rnexxew bit-tħabbrik ta' bosta u bosta voluntieri li taw sehemhom f'kull ħin.
Iżda din is-sena kienet sena ta' festa speċjali għax mhux biss temmejna it-tifkira straordinarja tas-Sbatax-il Ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ, imma għax qed inħallu monument mill-isbaħ li għal dejjem ser jibqa' jfakkar din il-ġrajja: il-Bieb tal-Bronż. Kienet ħolma, imma bil-għajnuna ta' bosta u bosta benefatturi, li minn dawn il-kolonni nirringrazzjaw, saret realta' li kompliet iżżejjen il-Bażilika Ġorġjana.
Pero' jekk il-Parroċċa tagħna ħarġet bl-unuri għal dak kollu li organiżżat, l-istess jista' jingħad għas-Soċjeta' Filarmonika La Stella. Bit-tħabbrik ta' din is-soċjeta' u l-impenn kontinwu tal-membri tagħha, sar dak kollu possibbli biex il-festa tagħna tkun dik ta' eżempju għall-festi oħra. Ma tistax ma ssemmix l-armar li bih jiżżejnu it-triqat ta' beltna u ta' dan nroddu ħajr lil dak il-grupp li ma jaqta' qalbu minn xejn. Pero' ta' min isemmi wkoll li bit-tħabbrik tal-Kumitat tal-Banda La Stella, barra s-servizzi numerużi li hija tagħti fil-festa, tatna wkoll is-servizzi ta' għaxar baned oħra, tlieta minn Malta u sebgħa minn Għawdex.
Żgur li mal-festa ma jieqafx kollox. Tkompli l-ħidma f'kull qasam, kemm fil-parroċċa kif ukoll fi ħdan is-Soċjeta La Stella. Aħna konvinti li kull Ġorġjan ser jibqa' jagħti s-sehem tiegħu. Dan huwa meħtieġ u għalhekk huwa importanti li nieħdu sehem attiv f'dak kollu li torganiżża l-parroċċa tagħna minn żmien għal żmien. Ix-xitwa li ġejja żgur li mhux ser tmewwet l-impenn ta' kulħadd biex kull ħidma tibqa' għaddejja.



*Mons Isqof Nikol Cauchi ibierek il-monument ta' l-Isqof Ġużeppi Pace.*

*Il-Banda La Stella u l-Banda King's Own waqt il-marċ grandjuz ta' lejlet il-festa.*

# Il-Parroċċa toffri għajnuna ġdida

Diversi ġenituri jsemmu li ma jistgħux iwieżnu lil uliedhom studenti kemm jixtiequ. Anki jekk "ta' l-iskola", l-istili moderni u l-firxa ta' suġġetti donnhom jagħmluhiehom impossibbli li joffrulhom l-għajnuna kollha li jitolbuhom.

Matul is-sajf iddiskutejna fil-Kunsill Parrokkjali nistgħux nagħmlu xi ħaġa.

Bdejna b'laqgħa mmexxija mis-sinjura Doris Cini (il-kap ta' l-ikbar skola Għawdxija: is-Sekondarja tal-Bniet Agius Desoldanis). Mill-esperjenza soda tagħha setgħet tissuġġerixxi diversi pariri kif il-ġenituri jistgħu jgħinu lil uliedhom fl-istudju - anki jekk ma jkunux jafu dak is-suġġett partikolari! Din żgur ma hix se tibqa' l-unika okkażjoni tax-xorta tagħha.

Fil-Kunsill ikkunkludejna ukoll li possibbli nibdew (almenu b'esperiment, li jista' jitwessa') skema minn Ottubru 2004 immirata għat-tfal fil-Year 6 u dawk ta' Form V. Ta' l-ewwel qegħdin fl-aħħar sena qabel l-iskola sekondarja, l-oħrajn qegħdin jingranaw għall-eżami tas-Sec (jew l-O Level); mela xhur li jinħassu kritiċi u li ta' spiss joħolqu tensjoni u inkwiet!

Irranġajna - u armajna - tlitt ikmamar fid-*Domus Curialis* (taħt l-istudios ta' *Leħen il-Belt Victoria*); iġifieri bdejna nonfqu! Sibna numru ta' għalliema li ġenerożament aċċettaw li joffru għajnuna lit-tfal f'diversi suġġetti: kif iqassmu l-ħin, kif isolvu diffikultajiet u inċertezzi, kif isiru midħla ta' dak li l-eżaminaturi jistennew, kif jitħabbu iktar mat-tagħlim.

Is-sħubija f'dan l-ispeċi ta' klabb hi ta' LM10. Din tagħti l-jedd għall-applikazzjoni għal dawn l-opportunitajiet ta' għajnuna (siegħa fil-ġimgħa f'kemm suġġetti tridu).

| **Year 6** | **Form V** | |
|---|---|---|
| *English* | *English Language* | *French* |
| *Maltese* | *Maltese* | *German* |
| *Mathematics* | *Mathematics* | *Physics* |
| *Religion* | *Religion* | *Biology* |
| *Social Studies* | *Italian* | *Accounts* |

U iktar suġġetti jistgħu jiżdiedu skond it-talba li jkollna. Barra minn dan, għandna l-intenzjoni li norganizzaw tipi oħra ta' għajnuniet għall-iskola u għall-formazzjoni ġenerali.

Il-ħinijiet eżatti jistgħu jitbiddlu, kemm jista' jkun għall-kumdità ta' tfal u għalliema. Peress li l-attenzjoni personalizzata tirrikjedi gruppi żgħar, ovvjament ikollna nimxu bil-prinċipju li min japplika l-ewwel jkollu preferenza f'każ li ma jkunx għad fadal iktar spazju u ma jkunx possibbli jibda grupp ieħor.

Nirringrazzja lil min diġa' bedu jagħti sehmu u lill-għalliema kollha li daħlu għal din il-ħidma volontarja. Nittamaw li joffru ruħhom oħrajn biex inkunu nistgħu inwessgħu din l-għajnuna.

Din l-inizjativa hi konferma kemm ma hix fiergħa s-sejħa biex il-parruċċani juru l-bżonnijiet u x-xewqat tagħhom u allura li jwasslu kummenti u suġġerimenti. Dan ukoll hu essenzjali biex ikollna verament kommunità ħajja.

Nistiednu mela lilkom ġenituri biex tiktbu lil uliedkom.

Inħeġġukom, għeżież tfal u studenti, biex ma taqtgħux jieskom! Tibżgħux tistaqsu; toqogħdux lura milli tfittxu l-għajnuna!

Il-formli jinkisbu mill-Uffiċċju Parrokkjali. Iżda jien disponibbli għal min jixtieq spjegazzjoni u informazzjoni iktar dettaljati.

***Antoine Vassallo*** (Viċi President - Kunsill Parrokkjali)

# Lil Michael

**Lill-Avukat Michael Grech LLD.**
***nhar il-laqgħa tiegħu mal-Mulej***

Michael, fejn bqajt illum? Ħassibtni sewwa
x'ħin rajt il-bieb magħluq, bla ħadd jistenna;
mur għidli dak in-nhar fil-għodu kmieni
l'int kont qed tgawdi 'l Alla ġewwa l-Ġenna!

Għaddiet, ja kiefra, l-Mewt bil-minġel tagħha
minn fuq il-ħajja tiegħek bla tnikkir
biex tefgħet lil qrabatek u l-familja
minn diq ma jitfissirx u niket kbir.

U Għawdex dik il-għodwa qam imriegħed,
in-nies ilkoll sfaw mgħaġġba u mbellhin,
għaliex ma basru qatt l'int kont ħallejthom
u tlaqthom jgħumu f'baħħ bħal mitlufin.

Issa, Michael, mistrieħ, nisthajlek tberren,
imħares sew mill-kenn t'Ommna Marija,
fuq martek, fuq uliedek, jaqdfu b'saħħa
weħidhom, jistennewk kull fil-għaxija.

Qatt taħsbu dan, ħabib, għax dawn l-imsejkna
fuq dgħajsa qalb l-imwieġ huma rekbin;
'mma fuq it-tmun hemm soda l-Verġni Mbierka
li qatt m'hi ser tħallihom imċaħħdin.

Emmen, Michael, dal-ħsieb; la taqtax jiesek,
għax Hi qed tmexxi b'għaqal l-għeżież tiegħek;
int biss trid terħi lilhom fil-ħsieb tagħha,
waqt li fl-imħabba żgur tgħaqqadhom miegħek.

Wissihom, Michael, b'deh'n ta' missier għaqli
li qatt ma jfittxu l-arma tat-tpattija,
'mma jaħfru dlonk, hekk kif jinsew il-ġrajja
biex f'wiċċhom jiddu l-ferħ u s-simpatija!

Ismagħha llum tal-baħar iċ-ċafċifa
melliesa fuq ix-xtajta tul il-lej':
din xejn ma tfisser għajr il-karba kiebja
li għad ilkoll tgħaqqadkom fil-Mulej!

***Kan. Joe Mejlak*** 26.05.04

# MIET Mons. DANTE BALBONI

Ftit ġimgħat ilu ħalla dan il-wied tad-dmugħ il-Mons **DANTE BALBONI**, devot kbir ta' San Ġorġ, li offra qalbu u ħaddem l-intellett kbir li kellu sabiex ixerred il-qima lejh bl-istudju, il-konferenzi u l-pubblikazzjonijiet eruditi tiegħu. Mons. Balboni, saċerdot minn Ferrara imma li kien jaħdem fil-Vatikan, żar il-gżira tagħna diversi drabi u kien hu li ġab fostna, għall-ewwel darba, ir-relikwija insinji ta' San Ġorġ meqjuma fil-Velabro. Huwa kien ukoll Kanoniku Onorarju tal-Kolleġġjata tagħna.

***Niftakru fih bl-imħabba u nitolbu għalih.***

## Rokna għat-Tfal

Kif Intom! Nittama li tinsabu tajbin u nittama wkoll li tinsabu lesti, biex issa li għaddew il-vaganzi, terġgħu mill-ġdid lejn il-bankijiet ta' l-iskola. Ninsab ċert li matul il-btajjel tas-sajf iddevertejtu u ġrejtu kemm flaħtu. Sewwa għamiltu, għaliex għalhekk jiġu l-vaganzi; biex wieħed jistrieħ u jiddeverti.

Jiena kelli ċ-ċans ngħaddi ġurnata ma' wħud minnkom li jmorru fil-grupp tal-Vokazzjonijiet u ma' għadd ta' abbatini meta matul is-sajf marru ġurnata malta flimien ma; Fr. Geoffrey u Rose Cefai. Ngħid għalija ħadt gost ukoll. Matul Settembru, l-Arċipriet ukoll ħa ħsieb jorganiżża safra għal Ruma għall-grupp ta' l-Abbatini u tal-Vokazzjonijiet. Żgur li dawk li marru ddevertew u tgħallmu matul iż-żjara tagħhom fil-Belt Eterna.

Barra dan kollu żgur li intom ukoll għaddejtu ħin twil tgħumu u tgawdu l-festi. Qisu lbieraħ morna ngawdu l-ewwel festa fil-Munxar, il-Ħadd 30 ta' Mejju li għadda. Jgħaddi ż-żmien, jitgerbeb u ma jistenna lil ħadd. Il-festi baqgħu għaddejjin. Ħadd wara Ħadd, u propju l-Ħadd 12 ta' Settembru l-istaġun tal-festi fi gżiritna ġie fi tmiemu bil-festa tal-Madonna tal-Grazzja għand il-Patrijiet Kapuċċini.

Dan kollu issa għadda u hemm bżonn mill-ġdid ilkoll kemm intom tmiddu għanqkom għax-xogħol. L-istudent bil-għaqal m'għandux ifalli l-iskola bla bżonn, lġib ruħu sewwa u jagħmel dmiru kif inhu xieraq. Bla dubju hemm ħin għal kollox u barra l-ħin tal-ġabra u l-istudju, hemm ħin ukoll għal-logħob u l-mistrieħ. Inħeġġiġkom ukoll issibu ħin għal-laqgħat ta' tagħlim u formazzjoni li jsiru kemm fil-parroċċa kif ukoll fi ħdan xi għaqda reliġjuża.

Ħafna minnkom issa sa jħallu l-iskola primarja u jibdew jattendu l-iskola sekondarja. Iż-żewġ skejjel tagħna f'Għawdex huma kbar u għalhekk tridu ftit jiem biex tidraw il-bidla. Flok għalliem wieħed issa jkollkom aktar għax is-sistema hija differenti. Imma bil-mod kollox tidraw. Żgur li tridu tħejju ruħkom għal iktar ħin ta' studju jekk tridu timxu 'l quddiem u tirnexxu fil-futur.

Jiena nawguralkom kull suċċess. kunu ordinati, diliġenti, aħarbu l-kumpanija ħażina u kunu ubbidjenti lejn l-għalliema tagħkom, il-katekisti u lejn dawk kollha li jridulkom il-ġid.

Issa ħa ngħaddu għall-kompetizzjoni li tista' trebbaħkom ktieb sabiħ bil-Malti ġentilment mogħti mill-Klabb Kotba Maltin (Fergħa t'Għawdex-Tel 21551325). Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom **sa nhar il-Ġimgħa, 15 t'Ottubru 2004** f'dan l-indirizz: *L-Editur, Il-Belt Victoria, Centru Parrokkjali S. Ġorġ, Victoria.*

***Il-Mistoqsijiet huma dawn:***

1. F'liema belt fl-Italja nħadem il-bieb sabiħ u ġdid tal-Bażilika tagħna?
2. X'materjal intuża biex inħadem dan il-bieb?
3. Min kien l-artist Għawdxi li għamel id-disinn tal-bieb?
4. F'liema xahar u ġurnata tbierek dan il-bieb?
5. Min kien ħadem l-antiporta tal-kewkba li nsibu eżatt wara dan il-bieb?

*Ir-rebbieħa bix-xorti tal-Kompetizzjoni tal-ħarġa ta' Lulju-Awissu 2004 (Nru.139) hija Diane M. Grima, 50, Triq A. Maria Hili, Victoria,*

Iz-Zíju Peppi

## Santa Rita ta' Cascia

### - Qaddisa Agostinjana

***mill-Kan. P. Serafin Borg OSA***



Din il-qaddisa Agostinjana għexet, qaddset u għaddiet minn diversi stati tal-ħajja; ta' tfjala, ta' mara miżżewġa, ta' armla, u ta' ruħ ikkonsagrata lil Alla.

Rita għożżiethom b'fedelta' u b'imħabba sħiħa. Bħalha tfajla eżemplari u fidila lejn il-ġenituri. Bħala mara marbuta bis-sagrament taż-żwieġ Pawlu Ferdinandu, għexet b'fedelta' lejh; rabbiet sewwa lil uliedha. Bħala armla, għeet miġbura fit-talb. Bħala ruħ ikkonsagrata lil Alla, għexet il-wegħdiet tas-safa, tal-faqar u ta' l-ubbidjenza taħt id-dell ta' Kristu Msallab.

Il-qaddisa Agostinjana mxiet 'il quddiem fit-tjieba u fil-qdusija. Rita ġarrbet u sofriet b'sabar is-salib u rebħet it-tfixkil tal-ħajja, f'kull stat tal-ħajja tagħha. Kristu kien magħha sa l-aħħar nifs ta' ħajjitha. Bil-qawwa tat-talb ħerqan u tas-sofferenzi, offriet ħajjitha bħala vittma lil Alla, sakemm fl-1457, ruħha ttajret lejn Alla.

L-insara jqimuha bħala l-Qaddisa ta' l-Impossibbli. Il-Papa Urbanu VIII għollieha għall-ġieħ ta' beata u l-Papa Ljun XIII għollieha għall-ġieħ ta' qaddisa fl-24 ta' Mejju 1900. Inkunu devoti ta' Santa Rita jfisser nixbħu ħajjitha. U Santa Rita tkun dejjem magħna fil-ħajja tagħna fuq din l-art.

# Festival Mediterranea: it-tielet edizzjoni




Is-siparju jitla' fuq it-tielet edizzjoni ta' *Festival Mediterranea* lejn tmiem dan ix-xahar biex, għal darb'oħra, niċċelebraw il-kultura millenarja li aħna mdawrin biha. Il-programm għal din is-sena huwa riflessjoni taż-żewġ edizzjonijiet passati, b'iktar iffukar fuq l-identita' preistorika tagħna l-Maltin – element li jagħmilna tassew uniċi.

Il-programm għal din is-sena huwa mill-iktar varjat. Jinkludi fih aspetti differenti tal-mużika – jiġifieri kemm dik klassika, sinfonika, barokka u moderna. Il-programm huwa mżewwaq ukoll b'temi differenti, fosthom l-arti, l-istorja, l-arkeoloġija, is-snajja' u t-tradizzjonijiet, u l-ġmiel naturali.

Għalkemm il-festival huwa mmirat prinċipalment sabiex jintroduċi aspetti differenti lit-turist barrani li jħobb il-kultura, fl-istess ħin, huwa mezz tajjeb ta' kif inissel kuxjenza iktar ħajja dwar il-wirt storiku u naturali tagħna fina l-Maltin u l-Għawdxin. Ħafna drabi jiġri li tant inkunu drajna bl-affarijiet ta' madwarna li lanqas biss naghtu kashom, aħseb u ara kemm napprezzawhom. Iżda attivitajiet bħal *Festival Mediterranea* ifakkruna, sena wara l-oħra, b'dak kollu ta' valur mhux materjali li għandna madwarna u li l-barranin tant japprezzaw.

*Festival Mediterranea* qiegħed jikber minn sena għall-oħra. Minkejja li l-qagħda fis-settur turistiku madwar id-dinja mhijiex dik idejali, l-interess li ġġenera din is-sena kien xi ftit ikbar minn dak ta' snin oħra. Naturalment, it-triq hija twila u x-xogħol li rridu ninvestu fih mhuwiex żgħir, Iżda s-Soċjeta' Filarmonika La Stella determinata li tkompli tgħolli l-livell kulturali ta' Għawdex permezz ta' din l-inizjattiva.

Din is-sena wkoll, il-korporazzjonijiet u l-awtoritajiet li qed jagħtuna l-appoġġ tagħhom komplew jiżdiedu. Għal din is-sena, minbarra l-linja nazzjonali ta' l-ajru Air Malta u l-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu, qed jagħtuna l-għajnuna tagħhom ukoll il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura kif ukoll l-aġenzija ta' wirt kulturali *Heritage Malta*. Dan huwa wkoll ċertifikat mill-ogħla awtoritajiet f'dan il-qasam li l-proġett li aħna mbarkajna fuqu huwa wieħed li tassew jista' jgħin lill-prodott kulturali u turistiku ta' pajjiżna.

Il-programm ta' l-attivitajiet li qed nippreżentaw din is-sena qed jiġi ppubblikat hawnhekk. Kull min huwa nteressat jattendi xi attivita' huwa mitlub jikkuntattja lill-*booking office* fit-Teatru Astra jew inkella iċemplilna fuq in-numru tat-telefon 21550985, jew jibgħat email fuq mediterranea.com.mt" **info@mediterranea.com.mt.** Is-sit ta' l-internet tagħna **http://www.mediterranea.com.mt** jiġi wkoll aġġornat minn żmien għal żmien.

## Programm ta' l-attivitajiet:

**Il-Ħamis 28 t'Ottubru**
Żjara ggwidata f'għażla ta' mużewijiet ta' Għawdex.

**Il-Ġimgħa 29 t'Ottubru**
Żjara ggwidata dwar snajja' tradizzjonali t'Għawdex.

**Is-Sibt 30 t'Ottubru**
Opra: Tosca bis-sehem ta' kantanti nternazzjonali u l-Orkestra Nazzjonali ta' Malta.

**Il-Ħadd 31 t'Ottubru**
Ikla b'ikel u nbid Malti (f'nofsinhar).

**It-Tnejn 1 ta' Novembru**
Żjara ggwidata f'siti panoramiċi u kampanja t'Għawdex.

**It-Tlieta 2 ta' Novembru**
Żjara ggwidata f'numru ta' knejjes t'Għawdex.

**L-Erbgħa 3 ta' Novembru**
Kunċert tal-pjanu mill-pjanisti Natascha Chircop u Marco Rivoltini.

**Il-Ħamis 4 ta' Novembru**
Bidu tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Preistorja Maltija fl-ambitu ta' dik Mediterranja, bis-sehem ta' esperti barranin żjara ggwidata tat-Tempji tal-Ġgantija mill-Prof. David Trump.

**Il-Ġimgħa 5 ta' Novembru**
It-tieni parti tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Preistorja Maltija fl-ambitu ta' dik Mediterranja, bis-sehem ta' esperti barranin.
Kunċert serali ta' Mużika Barokka.

**Is-Sibt 6 ta' Novembru**
Tmiem tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Preistorja Maltija fl-ambitu ta' dik Mediterranja, bis-sehem ta' esperti barranin.
Spettaklu ta' żfin spanjol inkluż il-*flamenco* mill-YADA Dance Company, immexxija minn Felix Busuttil.

**Il-Ħadd 7 ta' Novembru**
Kunċert finali mill-Banda Ċittadina La Stella.